

## II

(Atti mhux leġislattivi)

## FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-31 ta' Mejju 2012

dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar il-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi ta' prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel

(2012/292/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(5), tiegħu,

L-iffirmar tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar il-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi ta' prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel huwa b'dan awtorizzat fisem l-Unjoni, suġġett għall-konklużjoni tal-Ftehim imsemmi <sup>(1)</sup>.

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

*Artikolu 2*

Billi:

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina l-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim fisem l-Unjoni.

(1) Il-Kummissjoni nneozjat, fisem l-Unjoni, Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar il-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi ta' prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (il-"Ftehim").

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

(2) Il-Ftehim se jippermetti l-protezzjoni reċiproka tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-Unjoni u tar-Repubblika tal-Moldova, kif ukoll jikkontribwixxi għall-approssimazzjoni tal-leġislazzjoni fost il-pajjiżi fil-viċinat tal-Unjoni.

Magħmul fi Brussell, il-31 ta' Mejju 2012.

(3) Il-Ftehim għandu jiġi ffirmat,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

P. OLSEN DYHR

<sup>(1)</sup> It-test tal-Ftehim se jiġi ppubblikat flimkien mad-Deċiżjoni dwar il-konklużjoni tiegħu.